MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2004

Citazzjoni Numru. 892/1993/1

**JOSEPH BUSUTTIL IN NOM U IN RAPPREZENTANZA TA' TESSONS LTD**

**Vs**

**ANTHONY ZAHRA**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata mill-attur fit-28 ta' Lulju, 1993 li in forza taghha, wara li ppremetta li l-attur *nomine* kien qabbad lill-konvenut biex jahdem bhala '*store keeper*' fl-imhazen tieghu tal-'*frozen foods section',* ghal kumpless maghruf bhala Tessons Ltd, Qormi;

Ippremetta li l-konvenut, fil-kariga li kellu, kien responsabbli ghal dak kollu li jigri f'dawn l-imhazen kemm ghall-*istocks* kemm ghal kull nuqqasijiet;

Ippremetta li l-konvenut beda jahdem ma’ l-attur *nomine* f’Awissu, 1990 u l-impjieg tieghu ntemm f’Marzu, 1993;

Ippremetta li meta l-konvenut ta’ n-*‘notice’* lill-attur *nomine*, dawn effettwaw ‘*stock taking’* u minn dawn ir-ricerki rrizulta li kien hemm kwantita’ ta’ merkanzija nieqsa u *‘unaccountable’* u dan kif sejjer jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Ippremetta li l-konvenut kien responsabbli ghall-merkanzija kollha fl-imhazen li kellu kontroll fuqhom;

Ippremetta li minhabba dan l-agir tal-konvenut, l-attur *nomine* sofra danni akbar kif ser jirrizulta fil-kawza;

Ippremettta li nterpellat ihallas ghal din il-merkanzija, il-konvenut baqa’ inadempjenti;

Talab ghalhekk li l-konvenut ighid prevja d-dikjarazzjonijiet li huwa bhala *‘store-keeper’* kien responsabbli ghall-merkanzija kollha fl-imhazen ta’ l-attur *nomine* li kienu jikkontjenu ‘*frozen foods’* u dan matul l-impjieg tieghu ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjarah responsabbli ghan-nuqqasijiet ta’ kwantita’ ta’ merkanzija ta’ ‘*frozen foods’* minn Tessons Ltd. kif ser jirrizulta.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur *nomine* ghal dawn in-nuqqasijiet, jekk jinhtieg bin-nomina ta’ periti;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur *nomine* dik is-somma hekk likwidata *in linea* tad-danni.

Bl-ispejjez inkluzi dawn ta’ l-ittri datati 27 ta’ Mejju, 1993 u 8 ta’ Gunju, 1993 u dawk tal-mandati kawtelatorji ta’ qbid, sekwestru u mpediment tas-safar kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li in forza taghha eccepixxa li :-

*1.* Illi l-eccipjenti m'humiex responsabbli ghall-ammont mitlub billi f'ebda mument huwa ma kien impjegat b'kuntratt tax-xoghol bhala "*storekeeper".*

*2.* B'rizerva ghall-eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat li f'xi mument, din il-Qorti hatret bhala perit legali lil Dr Mark Chetcuti, sabiex ifittex u jirrelata fuq id-domandi attrici wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut u sabiex jaghmel l-ossevazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat l-inkartament u l-verbali tas-seduti mizmuma mill-perit legali, (annessi fil-process citazzjoni numru 893/93);

Rat li bhala fatt, din il-kawza imxiet kontestwalment ma' kawza ohra bejn l-istess partijiet, citazzjoni numru 893/93;

Rat ir-rapport tal-perit legali pprezentat fit-13 ta' Mejju, 1998, u minnu mahluf fl-udjenza ta' l-1 ta' Marzu, 1999 u li jinsab esebit bhala parti mill-atti tal-kawza l-ohra bejn l-istess partijiet, citazzjoni numru 893/93TM;

Rat it-talba imressqa mill-konvenut biex jeskuti lill-perit legali;

Rat id-domandi in esekuzzjoni li gew pprezentati mill-konvenut fl-1 ta' Frar, 2001;

Semghet lill-perit legali in eskussjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat li l-partijiet ma ressqux noti ta' osservazzjonijiet ghalkemm inghataw il-fakulta' li jaghmlu dan;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat ;

Illi f'din il-kawza d-diita attrici qed tallega li l-konvenut, waqt li kien fl-impjieg tieghu ta' *storekeeper,* kien responsabbli mill-oggetti tal-friza li kienu jinzammu fl-i*stores*, u li meta dan spicca mill-impjieg, instabu kwantita' ta' merkanzija nieqsa. Il-konvenut isostni li hu mhux responsabbli ghal dan in-nuqqas.

Il-konvenut jibda biex jecepixxi li l-premessa attrici hi zbaljata u dan peress li hu qatt ma gie ngaggat bhala *storekeeper.* Mill-provi, pero', jirrizulta li, fil-verita, l-ewwel impjieg li l-konvenut kellu mas-socjeta' attrici kien bhala *driver* u dana b'effett mit-22 ta' Mejju, 1989. F'Settembru ta' l-istess sena, pero', spicca mill-impjieg l-*istorekeeper,* certu Anthony Scerri, u dan il-post gie offert lill-konvenut li accetta; dan il-bdil kien jfisser ukoll iz-zieda fil-paga tal-konvenut. Il-konvenut, ghalkemm jghid li hu ma kienx gie impjegat bhala *storekeeper,* fil-fatt, jammetti li meta telaq l-*istorekeeper* precedenti, hu dahal minn floku u beda jaghmel xoghol relatat ma' *storekeeping.* Hu, fil-fatt, jiddeskrivi n-natura tax-xoghol tieghu b'mod li hu affini ghal dak ta' *storekeepe*r; hu jghid ukoll li dam kwazi sentejn u nofs jiehu hsieb il-merkanzija. Il-*Managing Director* tas-socjeta' attrici jispjega wkoll li x-xoghol li kellu l-konvenut kien jinvolvi certa' responsabbilta', ghax il-konvenut kien inkarigat jimpjega u jkecci *drivers* li jahdmu fis-*section* tieghu, idahhal u johrog *stock* mill-imhazen, jqabbel l-*istock* ma' l-*istock cards* tal-kontrollur, jigbor il-flus tal-bejgh li jsir *on a cash basis*, u jara li l-hazniet ikunu *up to standard*; fil-*weekends* kien jidhol ghax-xoghol biex jara li l-makni ikunu qed jahdmu. Flus kienu jghaddu minn idejh biss.

Minn din id-deskrizzjoni tax-xoghol tal-konvenut, jidher li l-konvenut ma kienx *in charge* biss bhala gwardjan ma' l-*istores*, izda kellu pozizzjoni li jikkontrolla dak kollu li jidhol u johrog mill-*istores* u, kwindi, kellu obbligi ta' certa responsabbilta' li kien dmir tieghu jwettqu bid-diligenza kollha mistennija minn dik il-pozizzjoni. Zgur, kwindi, li l-konvenut ma jistax jghid li hu ma kienx qed jahdem bhala

*storekeeper*, ghax fil-fatt hekk kien, u r-responsabbiltajiet tieghu, kwazi kwazi, iwaslu lil din il-Qorti tqiesu aktar bhala l-*manager* ta' l-*istores.* Kwindi hu kien responsabbli ghal dak kollu li jidhol u johrog mill-*istores.*

Il-konvenut ighid li meta hu dahal ghal dan ix-xoghol, ma kienx sar *stock-taking* biex jigi ivverifikat l-operat ta' qablu. Jekk dan ma sarx, ta' dan hadd ma jahti hlief hu stess. Hu ha *over* it-tmexxija ta' l-*istores* minghajr ma insista li jsir verifika ta' l-i*stock*, u, ghalhekk, fil-konfront tas-socjeta' attrici, assuma r-responsabbilta' ta' dak kollu li kien hemm jew ma kienx hemm fl-*istores.* Jekk ried jehles minn din ir-responsabbilta' kollu jaghhmilha cara u jinsisti li jsir *stock-taking* qabel ma jibda jimmanigja hu; darba, pero', hu ma hax dan il-pass, u accetta li jidhol dritt fuq ta' qablu, hu dahal responsabbli, *vis-à-vis* il-propretarju, ghall-kontenut ta' l-istess *stores.*

Fil-verita', pero', ghalkemm il-konvenut jghid li meta dahal ghal dan ix-xoghol, ma sarx *stock-taking*, fil-kors tas-smigh tal-provi, huwa biddel il-versjoni tieghu u qal li, hekk kif beda jaghmel xoghol ta' *storekeeper,* fuq perjodu ta' tlett xhur, sar rendikont tal-prodotti li kellu fl-imhazen, u ma gew riskontrati ebda nuqqasijiet. Ghalhekk, fuq ammissjoni tal-konvenut stess, jirrizulta li meta hu beda dan l-impjieg, l-i*stock* fl-*istores* kien gie vverifikat u instab li kien *in order* u jaqbel mal-kotba tal-kumpanija. Aktar u aktar allura, il-konvenut ghandu jitqies responsabbli ghan-nuqqas li jirrizulta li kien jezisti fi tmiem l-impjieg tieghu, ghax dan in-nuqqas bilfors li sehh tul iz-zmien li hu kien responsabbli mill-imhazen.

Il-konvenut ighid li mhux hu biss kellu access ghall-imhazen u, fi kwalunkwe kaz, l-ahhar *stock-taking* fejn gie rikonstrat in-nuqqas ma sarx quddiemu.

Ghar-rigward ta' l-ewwel materja, jirrizulta bhala fatt li c-cwievet ta' l-imhazen kienu f''dejh u f''idejn il-*head of storekeepers*. Dan ta' l-ahhar, pero' ma kienx involut fit-tmexxija gornaliera ta' l-*istores,* u r-responsabbilta' effettiva u diretta kienet f'idejn il-konvenut. Il-konvenut kien il-persuna mghonija bil-kontroll assolut ta' l-*istores,*

b’obbligu li jikkontrolla il-hrug u d-dhul mill-*istores* biex jaqbel mal-kotba tal-kumpanija; l-imhazen kienu f’idejh, u jekk irid jiskolpa ruhu billi jitfa l-htija fuq haddiehor, kellu obbligu li jipprovah dan, u mhux biss li jitfa allegazzjoni jew suspett u ma jressaq ebda prova in sostenn. Inoltre, jekk hass li l-*head of storekeepers* kien responsabbli, kellu obbligu li jikkjamah fil-kawza biex il-Qorti tkun tista’ tinvestiga l-operat tieghu wkoll. Kif inhi, d-difiza baqghet biss ta’ *terzo ignoto*, jigifieri, ta’ persuna li mhux parti fil-kawza, u bhala tali dik id-difiza ma tistax treggi. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza "Fenech vs Gauci”, deciza fil-21 ta’ Frar, 1994, “*Il-konvenut ma jista jaddebita l-ebda htija fuq terz meta jonqos li jsejjah lil tali persuna fil-kawza. Id-difiza tat-terz injot mhix sostennibbli ghaliex il-kawza hija bejn il-kontendenti, u l-ebda parti mit-tort ma tista’ tigi addebitata lil xi hadd li ma hux fil-kawza*”. Fil-kawza “Camilleri vs Cutajar”, deciza mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fid-9 ta’ Dicembru, 1968, gie precizat li jekk il-konvenut ma jsejjahx it-terz fil-kawza, u dan anke ghaliex il-konvenut ma jkunx jaf minn hu *“jekk xi hadd ghandu jbati minn dan il-fatt, jidher wisq aktar gust li jbati l-konvenut li kellu zgur parti mill-htija, milli l-atturi li qed jitolbu r-riparazzjoni ghat-telf soffert minnhom”* (ara wkoll “Borg vs Grima”, deciza mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fis-6 ta’ Ottubru, 1999).

Fid-dawl ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet, u fid-dawl tal-fatt li l-konvenut, bhala parti mix-xoghol tieghu kellu r-responsabbilta’ ta’ dak kollu li jidhol u johrog mill-imhazen, ir-responsabbilta’ ghal kwalunkwe nuqqas li tigi riskontrata ghandha tinxtehet kollha kemm hi fuq il-konvenut.

Ghar-rigward il-prova tan-nuqqas, jirrizulta li wara li telaq mix-xoghol il-konvenut, sar *stock-taking* mill-kumpanija u irrizulta li fl-imhazen li kienu f’idejn il-konvenut instabu bi LM11,353.19 f’merkanzija nieqsa u *unaccounted for*. Silvio Ellul, l-*accounts clerk* tad-ditta attrici, xehed li kull merkanzija li tidhol fl-imhazen tigi registrata fil-*computer* tal-kumpanija, u r-responsabilta’ ghall-istock tghaddi immedjatament f’idejn il-konvenut. Meta jigu s-*salesmen* bl-ordnijiet, l-*istorekeeper* jaghtih il-merkanzija skond l-ordni, u hi r-responsabbilta’ tieghu li jiehu l-*invoices* ghand

l-*accounts clerk* u jara li dawn jitnaqqsu mill-*istock* registrat fuq il-*computer.* Il-konvenut kien responsabbli wahdu ghall-*frozen foods*, u kienu jinzammu fi tlett imhazen ghar-rashom. Ix-xhud jghid wkoll li gielu marru klijenti l-imhazen u jhallsu ghax-xoghol direttament lill-konvenut, u fl-ahhar tal-gurnata kien obbligu tieghu li jghaddi dak li jkun gabar lill-kaxxier. Il-konvenut spicca mix-xoghol minn mas-socjeta’ attrici, fuq talba tieghu stess, fis-26 ta’ Marzu, 1993.

Il-konvenut ma jichadx dan kollu, izda jghid li l-*istock-taking* li sar meta telaq mix-xoghol, ma sarx fil-prezenza tieghu, u jallega li, qabel ma telaq, kien sar *stock-tak*ing minn impjegati tas-socjeta’ attrici, u ma kien irrizulta xejn nieqes. Dwar dan is-suppost *stock-taking*, il-konvenut l-ewwel ighid li sar minn certu Mark  izda aktar tard jghid li sar minn certu John Cassar u Claude. Il-Qorti taqbel ma’ l-opinjoni espressa mill-perit legali li, anke fuq dan il-punt, il-konvenut ma jidhirx li hu kredibbli, ghax mhux biss hu stess ma uriex konsistenza dwar min ghamel dan il-verifikar, izda ma tella ebda xhud biex jikkorobora din l-allegazzjoni li kienet tkun importanti ghad-difiza tieghu.

Ghar-rigward ta’ l-*istock-taking* li sar mis-socjeta’ attrici wara li l-konvenut spicca mix-xoghol, il-perit legali, li sema’ x-xhieda *viva voce*, hass li l-provi li ressqet is-socjeta’ attrici huma aktar kredibbli. Din il-Qorti, wara li ezaminat id-depozizzjonijiet tax-xhieda, taqbel ma’ l-*assessment* li ghamel il-perit legali, u tqies li l-versjoni tas-socjeta’ attrici hija aktar preciza, cara u, fuq kollox, konsistenti. Il-fatt li l-konvenut, kif xehed Silvio Ellul, “telaq habta u sabta u ma kienx hadem in-*notice period* kollu” jaghti wkoll indikazzjoni li s-socjeta’ attrici kellha ragun tissuspetta fil-konvenut. L-*istock-taking* sar b’mod professjonali b’*visual checking* ta’ l-*istock* li halla warajh il-konvenut fl-imhazen; din il-Qorti ma ssib xejn x’igieghla tahseb li l-process ta’ l-*istock-taking* ma kienx wiehed genwin u bhal perit legali, taqbel li, allura, s-socjeta’ attrici rrnexxiela tipprova l-kaz taghha u, l-konvenut ghandu jigi dikjarat responsabbli ghan-nuqqasijiet riskontrati mis-socjeta’ attrici.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi minn din il-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, u tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' LM11,353 (hdax il-elf, tlett mijas u tlieta u hamsin liri Maltin) *in linea* ta' danni, bl-imghaxijiet legali mid-data ta' din is-sentenza sal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------